**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Rikors numru: 219/2015**

**Marsovin Ltd (C 115)**
The Winery, Wills Street Paola

**vs**

**Roger Attard (K.I.: 281473M)**
Kappara Court, Flat 6, Triq il-Buqrajq, San Gwann

**Illum, 22 ta' Marzu 2017,**

Il-Qorti;

Rat r-rikors permezz ta' liema s-socjetà rikorrenti talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjetà rikorrenti €8,340 (tmint elef, tlett mija u erbghin euro) rappresentanti in kwantu ghal €7000 (sebat elef euro) bilanc tas-self lilek maghmul ai termini ta' ftehim datat 5 ta' Lulju 2011 u li skada fl-4 ta' Lulju 2014, u kwantu ghar-rimanenti

€1,340 (elf tlett mija u erbghin euro) rappresentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lilek mibjugha u kkonsenjata u dan skont il-kondizzjonijiet tal-istess ftehim, liema ftehim kien jirrigwarda il-hanut C Lounge. Bl-ispejjez tal-presenti, u bl-imghax legali b'effett mill-4 ta' Lulju 2014, d-data ta' l-iskadenza tal-ftehim, sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni.

Rat illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smiegh skont kif jirrizulta mir-referti a folio 14 et sequitur, a folio 19, a folio 25 et sequitur u a folio 34 tal-process.

Rat illi l-intimat ma prezenta l-ebda risposta.

Rat u qieset l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016 gew prezentati l-kapitoli kontra l-intimat u l-kawza thalliet ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimat baqa' ma deherx biex jikkontesta l-istess kapitoli.

Ikkunsidrat:

Illi l-intimat huwa kontumaci stante illi mhux biss ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti izda ukoll naqas milli jidher quddiem il-Qorti u ghalhekk ma kkontesta bl-ebda mod it-talbiet rikorrenti.

Illi fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016 gew prezentati l-kapitoli kontra l-intimat u l-kawza thalliet ghas-subizzjoni;

Illi l-intimat baqa' ma deherx biex jikkontesta l-istess kapitoli u ghalhekk it-talbiet tas-socjetà rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' t-talbiet tas-socjetà rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur